MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru 556/2014

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Aguis)

vs

Roderick Sultana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 0537787(m) akkuzat, talli:

1. fis-6 ta' Gunju 2014 ghal habta ta' 17.00hrs fi Triq Luqa, Qormi, ikkaguna offizi ta' natura hafifa kif iccertifikat Dr. Charlene Magri (Reg no 3561) tac-centru tas-sahha tal-Furjana fuq il-persuna ta' RPC3026 Ernest Holmes, meta dan kien ufficjal publiku jew kien inkarigat skond il-ligi minn servizz publiku jew li hu jew kien ufficcjal jew impjegat ta' korpi kostitwiti b'Ligi meta r-reat sar ghax kien qed jaghmel d-dmirijiet tal-kariga tieghu;
2. talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;

3. talli fl-istess jum lok u cirkustanzi fi Triq Luqa limiti ta’ Hal Qormi, saq vettura ta’ ghamla Renault Megane bin-numru tar-registrazzjoni LCN 749 b’manjiera perikoluza u traskurata;
4. talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi ghamel hsara fuq il-lanyard tal-ID card tal-pulizija tal-istess RPC 3026.
5. talli fl-istess gurnata, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied. Sec 338 (dd) u Sec 342 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tapplika l-provediment tal-Artikolu 383 (1) tal-Kap 9 a favor tal-istess RPC 32026 Ernest Holmes u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghat lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema insista anke meta l-Qorti taghtu hin jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, issibu hati tal-akkuzi kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 95, 96, 98, 338 (dd) u 342 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 (1)(a)(2) tal-Kap 65.

Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum u tissospendilu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien t’ijiem mill-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------